MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 10

25 ta' Settembru 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 10 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Fil-bidu tas-seduta s-Sindku R. Cutajar laqa' lura l-Kunsillier J. Buttigieg li fix-xahrejn ta' qabel kien imsiefer.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-qari u l-iffirmar tal-minuti tas-seduta Nru. 9 tas-16 ta' Settembru 2008 ġew imħollija għas-seduta li jmiss, peress li l-istess minuti tqassmu waqt is-seduta 10.

## 2.0. Korrispondenza

2.1. Ma nqrat ebda korrispondenza.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

3.1.1. Ma tressaq ebda dokument.

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

4.1.1. Ma tqajjmu ebda materji mill-minuti

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ma tressqitx *Purchase Request Form*.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ma tressqet ebda Skeda tal-Pagamenti.

## 7.1. Ħarġa Edukattiva (A/5/5/Vol III)

7.2. Is-Sindku ppropona li fid-9 ta' Ottubru 2008 issir żjara edukattiva fil-mixla ta' l-Environment Landscapes Consortium Ltd f'Wied Inċita, Ħ'Attard u fil-Farm Sperimentali tal-Gvern fl-Għammieri.

7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta sakemm l-ispejjeż jagħmel tajjeb għalihom kull minn jattendi.

## 8.1. Seminar għas-Segretarji ta' l-għaqdiet (K/2/53)

8.2. Is-Sur Robert Cutajar irrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduta preċedenti, fejn kien hemm qbil dwar il-ħtieġa li jkun hemm aktar għarfien fost l-għaqdiet tal-Mellieħa f'dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet pubbliċi. Huwa għalhekk ippropona li pass f'din id-direzzjoni għandu jkun seminar indirizzat lill-*P.R.O.'s* ta' l-għaqdiet. Ippropona wkoll li fost il-kelliema, għandu jkun hemm is-Sur Joe Azzopardi, li huwa persuna esperta fil-promozzjoni ta' attivitajiet fuq il-media. Is-Sur Ray Abela, li huwa intiż fl-użu tal-mezzi elettroniċi bħala ġodda effettiva fit-titjib ta' dan il-qasam, huwa wkoll persuna addatata biex tindirizza s-seminar.

8.3. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku, iżda kien tal-fehma li d-data tas-seminar għandha tkun nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2008 fil-Video Room ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Kien hemm qbil li s-seminar għandu jkun miftuħ għall-għaqdiet kollha, inkluż dawk reliġjużi.

## 9.1. Konferenza għall-Komunità tal-Melleħija (M/4/3)

9.2. Is-Sindku ppropona li din is-sena wkoll tiġi msejħa konferenza lokali sabiex din id-darba tittratta t-tema "Il-Familja Melleħija fis-Soċjetà Maltija" li tista' issir nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru 2008. Huwa qal li din l-intenzjoni għandha tiġi mħabbra fil-Mellieħa u l-Manikata permezz tal-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa". Is-Sur R. Cutajar, irrakkomanda wkoll li l-konferenza tkun immexxija mill-koppja Anthony u Miriam Sammut li għandhom esperjenza f'dan il-qasam, peress li huma l-Koppja President tal-Gruppi Familji Nsara fi ħdan il-Moviment ta' Kana.

9.3. Billi t-turiżmu ħalli l-impatt tiegħu fuq il-familja Melleħija, kien hemm proposti sabiex jiġu mistiedna persuni li ġejjin mill-qasam tat-turiżmu, bħalma huma Joe Vella (ex-proprjetarju ta' Arches Restaurant), Winston Zahra (Island Hotels Group), u Neville u Ferdinand Fenech (Paradise Bay Hotel).

9.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal iż-żwiġijiet mħallta huma fattur importanti li qed iġib tibdil kbir fil-familja Melleħija. Huwa aċċenna għall-fatt li fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa hemm tfal li għandhom ġenituri ġejjin minn erbatax-il pajjiż differenti.

9.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jinġiebu kelliema li jittrattaw dan l-aspett, bħalma huma l-filosofu Fr Peter Serracino Inglott, l-ex-kappillan Fr Charles Cordina u s-soċjoloġu Prof Mario Vassallo.

9.6. F'dak li jirrigwarda t-tibdil li seħħ fil-familja Melleħija per sè, ġie ssuġġerit li għandhom jiġu mistiedna kelliema bħalma huma s-Sinjuri Edward Camilleri u Alfred Vella li t-tnejn huma edukaturi rtirati li taw snin twal ta' servizz fl-iskola tal-Mellieħa, filwaqt li għadhom midħla ta' għaqdiet lokali.

9.7. Is-Sindku qal li l-aspett tal-kriminalità għandu wkoll jiġi trattat u għalhekk jista' jiġi mistieden il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo. Ippropona wkoll illi dak li jaffettwa t-tibdil fir-rwol tal-mara għandu jingħata konsiderazzjoni. Kelliema fuq dan is-suġġett tista' tkun is-Sinjura Anna Borg li hija uffiċjal fil-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Taħriġ.

9.8. Kien hemm qbil li l-konferenza għandha ssir f'xi lukanda fil-Mellieħa.

## 10.1. Attivita` Ambjentali qrib it-Torri l-Aħmar (A/3/Vol II)

10.2. Is-Sindku għarraf li l-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent qed jorganizza attività ambjentali fl-inħawi Tad-Dahar, viċin it-Torri l-Aħmar fl-14, 15 u 16 ta' Novembru 2008, fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa. Huwa qal li t-tindif volontarju illi jsir bħala parti mill-kampanja Clean-Up The World, li ssir fuq bażi annwali, ser tiġi nkoporata f'din l-attività.

10.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li huwa ddiskuta dan is-suġġett fis-Sotto-Kumitat Ambjent, fejn ġie propost li l-Kunsill jagħti konsiderazzjoni għall-*items* imsemmija hawn taħt:

- Tħawwil ta' siġar fil-Proġett Foresta 2000;
- Tħawwil ta' siġar minn persuni b'diżabilità;
- Bejgħ ta' pjanti fejn in-niċċa tal-Madonna;
- Jitqassmu boroż tal-plastik griżi lit-tfal sabiex jiġbru fihom skart reċiklabbi u jingħataw *voucher* ta' € 2 għal kull waħda li jimlew;
- Taħdita fuq il-post dwar il-tilqim tas-siġar;
- Tpinġjija fuq il-post mit-tfal li jattendu l-lezzjonijiet ta' l-arti ma' l-Art Club 2000;
- *Picnic site* temporanja fejn it-Torri l-Aħmar;
- Tindif ta' qiegħ-il baħar minn *diving school* ibbażati fil-Mellieħa, possibilment bi *sponsorship* mill-kumpanija Gozo Channel;

10.4. Is-Sindku ppropona li t-tħawwil tas-siġar jista' jsir permezz tal-ftehim li l-Kunsill għandhom mad-ditta Time International (Sports) Ltd li ntrabtet li tipprovdi mill-inqas 100 siġra kull sena sabiex jitħawwlu fil-lokalità tal-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ma jaqbilx li jkun hemm bejgħ ta' oġġetti fejn in-niċċa tal-Madonna, peress li jkun perikoluż illi wieħed jieqaf f'dan il-post. Huwa ssuġġerixxa minflok li l-bejgħ isir fil-wesgħa li hemm fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Triq il-Qammieħ.

10.5. Billi l-attività ser tiġi kkordinata mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, il-Kunsill kien tal-fehma li l-idejat espressi għandu jiġu diskussi ma' l-istess ministeru.

10.6. Waqt id-diskussjoni dwar dan is-suġġett, is-Sur R. Cutajar qal li ftit tal-jiem qabel huwa ntervjena sabiex jitwaqqaf kuntrattur li kien qed jaħdem fuq trinka għall-Korporazzjoni Enemalta milli jgħaddi l-istess trinka mill-art allokata għall-Proġett Foresta 2000.

10.7. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 11.1. Titjib ta' faċilitajiet fil-*Ground* Ta' Pennellu (S/4/1/3)

11.2. Is-Sindku irrefera għall-każ dwar l-allegat qtil ta' Martin Scicluna minn Dione Mercieca li ġara fis-16 ta' Settembru 2008. Iż-żewġ persuni kienu ċ-*chairman* u direttur tad-ditta All Sports International, li huma responsabbli mill-kisi tal-*ground* f'Ta' Pennellu bit-*turf*, liema xogħol ngħata lilhom mill-Fundazzjoni għall-Iskejjel t'Għada. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li dan il-proġett kien wasal fil-fażi finali tiegħu twaqqaf.

11.3. Huwa aċċenna wkoll għall-installazzjoni tas-sistema ta' *floodlighting* ġdida li saret fl-istess *ground* b'finanzjament mill-Kunsill. Is-Sur R. Cutajar qal li ġie kkuntattjat minn Dr Tonio Azzopardi, li qed jidher għall-familja tal-vittma, illi talab sabiex il-Kunsill iħallas l-ammonti li għandu pendenti dwar il-proġett.

11.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill m'għandu ebda relazzjoni kuntrattwali ma' All Sports International, billi x-xogħol kien ġie assenjat lid-ditta Elektra Ltd. Irriżulta li ta' l-aħħar għamlet *sub-contracting* lill-All Sports International biex tagħmel ix-xogħol, fil-waqt li Elektra forniet l-apparat meħtieġ. Is-Sur Debono kompla jgħid li hekk kif l-inginier inkarigat jiċċertifika x-xogħol, il-pagament relattiv jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

12.1. *National Rural Development Agency* (NRDA) (P/10/1/Vol III)

12.2. Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni meħuda fis-seduta Nru. 3 tal-5 ta' Mejju 2008, dwar sħubija fl-NRDA li tinkorpora fiha kunsilli lokali u organizzazzjonijiet oħra li għandhom territorju rurali f'Malta. Din twaqqfet f'Malta u hemm oħra simili f'Għawdex bil-għan li organizzazzjonijiet imsieħba jibbenefikaw minn fondi li l-Gvern Malti ingħata taħt il-programm LEADER ta' l-Unjoni Ewropea. Huwa spjega wkoll li meta wieħed iqis l-vantaġġi u l-iżvantaġġi, ingħata parir li jkun aktar għaqli mil-lat finanzjarju, kemm-il darba titwaqqaf aġenzija oħra li tħaddan fiha l-lokalitajiet kollha tat-tramuntana. Dan minħabba l-karatteristiċi rurali komuni li dawn għandhom. Għalhekk f'dan l-istadju, il-Kunsill għandu jirtira mill-NRDA bil-għan li titwaqqaf l-aġenzija l-ġdida fuq bażi ta' reġjun tan-naħa ta' fuq.

12.3. Il-Kunsill qabel mas-Sindku li t-tisħib regjonali huwa iktar vijabbli bil-possibilta` li jirnexxi aktar. Għaldaqstant, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew awtorizzati b'mod unanimu sabiex jitolbu l-irtirar mill-NRDA u jsiehbu lill-Kunsill fl-aġenzija li tista' titwaqqaf fuq bażi reġjonali.

## 13.1. Reklamar ta' postijiet ta' interess (T/12/1)

13.2. Is-Sindku rrefera għall-magazin Day By Day, ippubblikat minn Impact Public Relations, flimkien ma' numru ta' entitajiet oħra involuti fit-turiżmu. Huwa qal li l-pubblikaturi ta' dan il-magazin lesti li jippubblikaw materjal dwar postijiet ta' interess fil-lokalità, mingħajr ħlas. Reklami dwar attivitajiet li jsiru mill-Kunsill jinġiebu wkoll, iżda bil-ħlas.

13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din l-opportunità m'għandiex tintilef biex l-attrazzjonijiet li jeżistu fil-Mellieħa jsiru aktar magħrufa mill-Maltin u t-turisti.

## 14.1. Immaniġġjar ta' art mill-Għ.K.N.K.M. (A/6/1)

14.2. Is-Sindku għarraf li l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin ser iressqu talba lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jimmaniġġjaw diversi artijiet fil-limiti Ta' l-Aħrax. Huwa qal li t-talba ser tiġi sottomessa b'mod professjonali mill-Perit Joseph Attard.

14.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-intenzjonijiet ta' l-Għaqda m'għandux ikun f'konflitt mal-Proġett Garnija tal-Birdlife Malta, sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux mixtieqa aktar 'il quddiem.

14.4. Is-Sur R. Cutajar spjega bil-għajnuna tal-pjanti pprovduti mill-Perit Attard, li t-titolu fuq l-artijiet involuti, huwa maħsub sabiex jinħolqu postijiet ta' rikrejazzjoni mmaniġġjati mill-għaqda, li jinkludi:

- *Camping* areas fl-inħawi ta' l-Aħrax ta' Ġewwa, f'Tat-Tunnara, Id-Dahar u Ta' Taħt is-Sur;
- *Picnic areas* fl-inħawi Tat-Tunnara, fl-Aħrax tal-Madonna, fil-Qatgħa tal-Pleġġ, ta' Taħt is-Sur u f'Wied Musa;
- Restawr ta' giren fl-inħawi Ta' Fonsa u fl-Aħrax tar-Ramel;
- Restawr ta' fortifikazzjoni fl-inħawi Tas-Sur;
- Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ;
- Holqien ta'*Rock garden* faċċata tan-Niċċa tal-Madonna u fl-inħawi tal-Qatgħa tal-Pleġġ;
- Passaġġi;
- *Clubhouse* fi Triq l-Armier bejn Triq il-Marfa u Triq ta' Wied Musa; ecc

14.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-proġett tal-Birdlife Malta u dak ta' l-Għ.K.N.K.M., m'humiex konfliġġenti, għalkemm jinsabu qrib xulxin. Għalhekk kien hemm qbil li l-intenzjonijiet ta' l-Għ.K.N.K.M., kif spjegati fil-pjanti sottomessi mill-Perit Attard, għandhom jiġi appoġġjati bl-istess mod kif sar fil-każ tal-Proġett Garnija.

14.6. Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas tad-drittijiet professjonali mitluba mill-Perit Joseph Attard.

**15.1. Organizzazzjoni ta' korsijiet (E/3/1)**

15.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li qed isiru sforzi sabiex fix-xahar ta' Ottubru 2008 jibdew jew jitkomplew korsijiet kordinati mill-Kunsill f'disa' suġġetti li ser ikunu mogħtija kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Keep Fit* | Servizz mogħti mill-iskejjel Star Centre u Artemocion bi ħlas fiċ-ċentri rispettivi |
| Yoga | |
| Żfin | Servizz mogħti mis-Sur Vince Zahra fis-Sala tal-Komunità bi ħlas. |
| Spanjol | Għalliema provduti mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni fl-uffiċċju tal-Kunsill mingħajr ħlas |
| Ingliż | |
| Malti | |
| Ġermaniż | Servizz minn għalliem li ser jagħti s-servizzi tiegħu mingħajr ħlas fl-uffiċċju tal-Kunsill |
| Fotografija | Servizz mogħti mis-Soċjetà Fotografika Maltija fl-uffiċċju tal-Kunsill bi ħlas. |
| Kompjuter | Jitkomplew jingħataw korsijiet bi ħlas mill-uffiċċju tal-Kunsill minn T.C.T.C. Ltd |
| Għawm | Servizz mogħti mis-Sinjorina Tania Bugeja |

15.3. Is-Sur Fenech qal ukoll li qed isiru kuntatti sabiex jingħataw korsijiet dwar l-*Interior Design, Wine Tasting*, Tisjir u Għawm lit-Tfal.

15.4. Il-Kunsill approva l-organizzazzjoni tal-korsijiet elenkati.

**16.1. Stampar ta' supplement għat-tfal mal-magazine "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol IV)**

16.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għad-diskussjoni li kien hemm f'seduti preċedenti dwar il-pubblikazzjoni ta' materjal fuq l-istorja tal-Mellieħa għat-tfal, li jinħareġ f'forma ta' suppliment mal-magażin "Mill-Qiegħa". Huwa qal li l-materjal kollu tlesta sabiex jinħareġ flimkien ma' l-edizzjoni li jmiss tal-magazin.

16.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li fl-estimi tal-Kunsill m'hemmx provdut għal din in-nefqa, sakemm ma ssir rijallokazzjoni ta' fondi. Huwa qal li dan il-punt jrid jingħata kunsiderazzjoni minħabba li l-pubblikazzjoni tas-suppliment ser tkun waħda regolari.

16.4. Is-Sindku qal li bil-għan li jonqsu l-ispejjeż, jista' jsir sforzi biex jinstabu *sponsors*.

**17.1. Stedina mill-Comune di Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)**

17.2. Is-Sindku għarraf li s-Sindku ta' Cavriglia – Ivano Ferri – stieden lil Kunsill jorganizza żjara f'Cavriglia għall-Festa taż-Żejt li tiġi organizzata f'Cavriglia kmieni f'Diċembru 2008. Is-Sur R. Cutajar qal li din l-istedina saritlu waqt li Sig. Ferri kien preżenti għall-Iljieli Melleħin bejn it-12 u l-14 ta' Settembru 2008.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Kompetizzjoni fotografika (K/7)**

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li l-Kunsill jorganizza kompetizzjoni fotografika bit-tema "Lenti fuq il-Mellieħa". Huwa għarraf li bejn il-11 u l-14 ta' Ottubru 2008, ser ikun hawn

Malta, membri mis-Soċjetà Fotografika ta' Cavriglia li jistgħu jiġġudikaw ir-ritratti mdaħħla fil-kompetizzjoni.

18.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment u kien tal-fehma li għandu joħroġ avviż sabiex jitħajjru persuni jieħdu sehem.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Ottubru 2008 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**